



Dokument ta' sessjoni

B9-0167/2024

8.3.2024

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar rabtiet eqreb bejn l-UE u l-Armenja u l-ħtieġa ta' ftehim ta' paċi bejn l-Azerbajġan u l-Armenja
(2024/2580(RSP))

Pedro Marques, Tonino Picula, Marina Kaljurand, Sylvie Guillaume
f'isem il-Grupp S&D

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar rabtiet eqreb bejn l-UE u l-Armenja u l-ħtieġa ta' ftehim ta' paċi bejn l-Azerbajġan u l-Armenja
(2024/2580(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Armenja u l-Azerbajġan, b'mod partikolari dawk tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-priġunieri tal-gwerra wara l-kunflitt l-aktar reċenti bejn l-Armenja u l-Azerbajġan¹, tal-10 ta' Marzu 2022 dwar il-qedra tal-wirt kulturali fin-Nagorno-Karabakh², tad-19 ta' Jannar 2023 dwar il-konsegwenzi umanitarji tal-imblokk fin-Nagorno-Karabakh³ u tal-15 ta' Settembru 2023 dwar il-każ ta' Dr Gubad Ibadoglu, inkarċerat fl-Azerbajġan⁴,
 - wara li kkunsidra l-ħames laqgħa tal-Kunsill ta' Sħubija UE-Armenja fit-13 ta' Frar 2024,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msahħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħħa l-oħra⁵, li daħal fis-seħħ b'mod sħiħ fl-1 ta' Marzu 2021,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni tat-22 ta' April 1996 bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Repubblika tal-Azerbajġan mill-parti l-ohra⁶,
 - wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
 - wara li kkunsidra l-Prinċipji Bażiċi tal-2009 tal-Grupp ta' Minsk tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE),
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni trilaterali tal-Armenja, tal-Azerbajġan u tar-Russja tad-9 ta' Novembru 2020,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fid-19 ta' Settembru 2023, l-Azerbajġan nieda attakk mhux ġustifikat kontra n-Nagorno-Karabakh, li rriżulta f'diversi mijiet ta' vittmi u l-mewt ta' nies ċivilu u wassal biex il-maġġoranza tal-popolazzjoni taħrab minn darha u mir-reġjun;
- B. billi din l-aggressjoni militari kienet preċeduta mill-imblokk ta' disa' xhur tal-kuritur ta'

¹ ĠU C 15, 12.1.2022, p. 156.

² ĠU C 347, 9.9.2022, p. 198.

³ ĠU C 214, 16.6.2023, p. 104.

⁴ Testi adottati, P9_TA(2023)0323.

⁵ ĠU L 23, 26.1.2018, p. 4.

⁶ ĠU L 246, 17.9.1999, p. 3.

Lachin impost mill-Azerbajjan mit-12 ta' Diċembru 2022, meta dan il-kuritur huwa l-uniku kuritur fuq l-art li jgħaqqaqad ir-reġjun tan-Nagorno-Karabakh, abitat l-aktar minn Armeni, mal-Armenja, mill-ħolqien ta' punt ta' kontroll fl-istess kuritur f'April 2023, bi ksur tad-dikjarazzjoni trilaterali tad-9 ta' Novembru 2020 bejn l-Armenja, l-Azerbajjan u r-Russja, minn żieda fil-preżenza militari madwar in-Nagorno-Karabakh u tul il-konfini mal-Armenja, kif ukoll minn retorika aggressiva u xewwiexa min-naħħa tal-mexxejja tal-Azerbajjan;

- C. billi l-forzi Russi, hekk imsejħa taż-żamma tal-paċi, preżenti skont id-dikjarazzjoni trilaterali tad-9 ta' Novembru 2020 ma ħadu azzjoni la kontra l-imblokk tal-kuritur ta' Lachin min-naħħa tal-Azerbajjan, la meta l-Azerbajjan stabbilixxa punt ta' kontroll u lanqas kontra l-aggressjoni militari reċenti min-naħħa tal-Azerbajjan;
- D. billi l-użu tal-forza militari biex jissolva tilwim politiku jikkostitwixxi ksur tal-Karta tan-NU;
- E. billi l-UE ssostni bis-shiħi is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Armenja u tal-Azerbajjan, u tappoġġja b'mod attiv l-isforzi biex jissolva t-tilwim dwar in-Nagorno-Karabakh b'meżżi paċifiċi u b'rispett għad-drittijiet tal-popolazzjoni kkonċernata, fost affarrijiet oħra permezz tal-ħidma tar-Rappreżtant Speċjali tagħha għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia u t-taħditiet bejn l-Armenja u l-Azerbajjan medjati mill-President tal-Kunsill Ewropew;
- F. billi l-Armenja għamlet progress sinifikanti fir-riformi relatati mad-demokrazija u l-istat tad-dritt; billi l-Azerbajjan kompla joħnoq is-soċjetà ċivili, il-media indipendenti u l-oppożizzjoni politika, b'mod partikolari qabel l-elezzjoni presidenziali tas-7 ta' Frar 2024;
 - 1. Jikkundanna l-użu ripetut tal-forza fir-relazzjonijiet bejn l-Armenja u l-Azerbajjan u jissottolinja l-ħtieġa urgħenti ta' sforzi kontinwi u msalha biex jiġu normalizzati r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi u l-popolazzjonijiet tagħhom u biex jiġi konkluż ftehim ta' paċi komprensiv u sostenibbli;
 - 2. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għat-tkomplija tat-taħditiet bejn l-Armenja u l-Azerbajjan dwar il-kwistjonijiet pendent kollha, bl-għan li jiġi konkluż trattat ta' paċi, u jistieden liż-żewġ partijiet jibqgħu impenjati bis-shiħi favur soluzzjoni dejjiema u paċificata tat-tilwim li ilu għaddej, permezz ta' djalogu u negozjar; jilqa' l-impenn tal-UE li tkompli tiffaċċilita d-djalogu bejn in-naħħat kollha, biex tiżgura paċi komprensiva u sostenibbli għall-benefiċċju tal-popli kollha tar-reġjun;
 - 3. Jafferma mill-ġdid li trattat ta' paċi komprensiv irid jiggħarantixxi d-drittijiet u s-sigurtà tal-Armeni ta' Karabakh u tal-popolazzjoni Armeni ta' żoni oħra milquta minn kunflitti; itenni, f'dan ir-rigward, il-kundanna qawwija tiegħu tal-aggressjoni militari tal-Azerbajjan kontra n-Nagorno-Karabakh f'Settembru 2023 li kisret l-impenni internazzjonali tal-Azerbajjan, ikkontradixxiet l-intenzjonijiet iddikjarati tiegħu li jaħdem lejn paċi sostenibbli mal-Armenja, u mminnati in-negożjati ta' paċi bejn l-Armenja u l-Azerbajjan;
 - 4. Jissottolinja li n-nuqqas ta' azzjoni flagranti tal-hekk imsejħa forzi taż-żamma tal-paċi Russi preżenti fuq il-post wera b'mod ċar il-falliment tar-Russja, jekk mhux in-nuqqas

sfaċċat tagħha ta' rieda politika, li tipproteġi d-drittijiet tal-popolazzjoni lokali tan-Nagorno-Karabakh u li tiżgura li tīġi rispettata d-dikjarazzjoni trilateral tadt-9 ta' Novembru 2020;

5. Jistieden lill-Azerbajġan jippenja ruħu tassew fi djalogu komprensiv u trasparenti mal-Armeni tan-Nagorno-Karabakh biex jiżgura r-rispett ta' drittijiet hawn u jiggarrantixxi s-sigurtà tagħhom, inklużi d-dritt tagħhom li jirritornaw u jgħixu b'mod dinjuż u sikur fi djarhom, u d-drittijiet għal art u proprjetà tagħhom, biex iżommu l-identità distinta tagħhom u jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet ċivili, kulturali, soċjali u reliġjużi tagħhom;
6. Jistieden lill-Azerbajġan itenni l-impenn inekwivokabbli tiegħu favur id-Dikjarazzjoni ta' Almaty tal-1991 li tiggarrantixxi l-integrità territorjali tal-Armenja u tal-Azerbajġan u li jaċċetta d-delimitazzjoni tal-konfini bilaterali tagħhom bi qbil mal-ittra u mal-ispirtu tad-Dikjarazzjoni ta' Almaty tal-1991;
7. Itenni l-appoġġ tiegħu għat-tishħiħ kontinwu tal-missjoni tal-UE fl-Armenja, kif ukoll għall-ħidma lejn l-estensjoni tal-mandat tagħha għaż-żewġ naħat tal-fruntiera bejn l-Armenja u l-Azerbajġan, sabiex tikkontribwixxi b'mod effettiv għas-sigurtà tal-bniedem u għall-bini tal-fiduċja u tgħin ħalli jiġu evitati aktar eskalazzjoni militari u vjolenza fuq il-fruntieri tal-Armenja;
8. Jilqa' l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msahħħa bejn l-UE u l-Armenja, li juri l-interess u l-impenn tal-Armenja li ssahħħa u tapprofondixxi r-relazzjonijiet mal-UE, abbażi ta' valuri komuni, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija;
9. Jilqa' t-tnedija tal-ħidma fuq Aġenda ta' Sħubija ġdidha bejn l-UE u l-Armenja li se tistabbilixxi prioritat jiet kongħu aktar ambizzju għal kooperazzjoni f'ħafna oqsma ta' politika u jappoġġja l-ambizzjoni tal-Armenja li tħejji għal djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mal-UE;
10. Jinnota li l-Armenja ssospendiet is-sħubija tagħha fl-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollettiva, bħala reazzjoni għal nuqqas perċepit ta' assistenza kontra l-aggressjonijiet militari;
11. Jiddenunzja r-ripressjoni kontinwa fuq l-attività ċivili, il-media indipendenti u l-oppożizzjoni politika fl-Azerbajġan, inklużi l-użu ħażin ta' investigazzjonijiet kriminali ffabrikati biex jitrażżu kemm il-kritika tal-awtoritajiet kif ukoll l-oppożizzjoni politika;
12. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri jikkundannaw il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur tad-demokrazija fl-Azerbajġan, u jqajmu tħassib konkret fil-laqgħat bilaterali kollha, kif ukoll fin-negożjati dwar ftehim ta' sħubija futur;
13. Jinsab konvint bis-shiħiħ li l-UE ma tistax taċċetta mil-lat morali li tinnegozja ftehim ta' sħubija futur ma' pajjiż bħall-Azerbajġan, li jikser b'mod sfaċċat kemm il-prinċipji tad-dritt internazzjonali kif ukoll l-obbligi internazzjonali tiegħu u għalhekk la hu sieħeb affidabbli u lanqas sikur; iħeġġeġ għalhekk lir-Rappreżentant Għoli u lis-SEAE jissospendu n-negożjati għal ftehim imġedded ta' sħubija sakemm l-Azerbajġan ikun

wera r-rieda ġenwina tiegħu li jirrispetta t-tħassib dwar id-drittijiet u s-sigurtà tal-Armeni ta' Karabakh, u jkun ikkontribwixxa għal progress sostanzjali lejn ftehim ta' paċi komprensiv u sostenibbli mal-Armenja, mhux biss bil-kliem iżda, l-ewwel u qabel kollox, bil-fatti;

14. Jistieden lill-Kunsill, fid-dawl tar-ripressjoni domestika kontinwa u t-theddid tal-Azerbajġan kontra l-integrità territorjali tal-Armenja, jibqa' lest li jikkunsidra mill-ġdid ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Azerbajġan u jimponi sanzjonijiet immirati u individwali kontra l-awtoritatijiet responsabbli tal-Azerbajġan; jitlob lill-Kummissjoni terġa' tikkunsidra s-“sħubija strateġika” mal-Azerbajġan fis-settur tal-enerġija, fid-dawl tal-ksur ripetut min-naħħa tal-Azerbajġan tal-impenji internazzjonali tiegħu, inklużi l-impenji meħuda fit-tahditi medjati mill-UE u d-dispożizzjonijiet vinkolanti skont id-dritt internazzjonali; jinnota li, fid-dawl tal-aggressjoni tal-Azerbajġan kontra l-Armenja f'Settembru 2022 u l-użu mhux ġustifikat tal-forza min-naħħa tal-Azerbajġan kontra l-popolazzjoni tan-Nagorno-Karabakh u l-ispostament furzat ta' din tal-aħħar f'Settembru 2023, kif ukoll is-sitwazzjoni allarmanti tal-pajjiż f'dawk li huma drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp ta' tali “sħubija strateġika” huwa inkompatibbli mal-objettivi tal-politika estera tal-UE kif definiti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;
15. Itenni li l-approfondiment tal-kooperazzjoni mal-Azerbajġan għandu jkun soġġett għar-rispett mill-Azerbajġan tal-impenji tiegħu bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSKE, u li l-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha huwa kundizzjoni indispensabbli għall-iffirmar ta' ftehim ta' sħubija mal-UE;
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Armenja u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Azerbajġan.